# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 57**

**14 ta' Frar 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Kommunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

Talba

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku u bdiet it-talba.

**57.2 Approvazzjoni tal-*'Financial Statements'* 2016**

57.2.1 Is-Seg. Eżekuttiv bdiet billi rringrazzjat lis-Sindku u lill-kunsilliera kollha tal-fiduċja li urew fiha u żiedet illi se tagħmel l-għalmu tagħha kollu sabiex isservi bl-aħjar mod lil-lokalita' tal-Fontana. Hi informat lill-Kunsill li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza sabiex il-kunsill jiġi ppreżentat bil-Financial Statements 2016 u konsegwentament jiġu spjegati u approvati. Minħabba li s-Sur Daniel Galea kien għadu ma wasalx u fuq proposta tas-Sindku, il-laqgħa bdiet bit-tielet item fuq l-aġenda.

**57.3 Planning Control Application PC003/17**

57.3.1 Is-Seg. Eżekuttiv informat lill-Kunsill b'emejl li rċieva mingħand il-Planning Authority rigward "Proposed cul-de-sac" li jinsab f'sit ġo Sqaq Numru 1, Triq Tal-Għajn, Fontana. Il-kunsill qiegħed jiġi mitlub jagħti r-reazzjonijiet tiegħu għal din l-applikazzjoni sal-Ħamis, 16 ta' Frar 2017. Hija kompliet tispjega illi għamlet kuntatt mal-perit li qed jirrappreżenta lis-sidien, is-Sur. Emanuel Vella u dan spjega li t-talba li qed issir hija sabiex is-sqaq in kwistjoni jkun jista' jsir pubbliku u ma jibqax wieħed privat; jiġu assenjati l-'allignments' tas-sqaq u eventwalment is-sidien ikunu jistgħu jibnu fuq l-art privata tagħhom li skont il-perit Vella, bħalissa huma għelieqi żdingati u mimlijien ħmieġ. Is-Seg. Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-emejl flimkien mas-*'site plan'* li s-Sindku rċieva mid-dipartiment tal-Planning Authority.

Is-Sur Horace Micallef wera t-tħassib tiegħu peress illi fis-*'site plan'* ma hemmx indikat fejn eżatt ħa jsiru l-alignments tas-sqaq u għalhekk għandna naraw il-pjanti aktar fid-dettal. Is-Sindku nfurmah li l-alignments tal-'cul de sac' huma mmarkati bir-roża fil-pjanta. Is-Sindku qal li hemm hija art privata u fil-konfini tal-iżvilupp u ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp, iżda peress li l-perit tal-applikanti qal li ser issir pubblika jixtieq jkun jaf kif se jaffettwa lill-kunsill. Il-Kunsill irid ikun jaf hux se jidħol fi spejjeż għal xogħolijiet li jinvolvu bħal dranaġġ, ilma, 'resurfacing' tas-sqaq etc.. Għalhekk, il-membri iddeċidew illi għandna nwieġbu l-emejl li irċevejna fejn nitolbu estenzjoni taż-żmien sabiex inkunu f'pożizzjoni li nressqu r-rimarki tagħna dwar din l-applikazzjoni. Dan sabiex il-kunsill jilħaq jieħu l-pariri neċessarji mingħand nies tekniċi f'dan il-qasam.

57.2.2 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jagħti spjegazzjoni lill-Kunsill rigward il-*'financial statements'*. Is-Sur Galea ta spjegazzjoni dettaljata tal-*'financial statements'* fejn informa lill-Membri tal-Kunsill illi l-Kunsill għalaq is-sena finanzjarja 2016 b'*surplus* ta'€11,000. Spjega li għas-sena 2016 dħul kellu €151,739 filwaqt li ħruġ kien hemm ftit aktar minn €140,000. Is-Sur Galea ta spjegazzjoni tad-dħul li jinkludu dħul minn permessi ta' krejns, skemi u LES administration fees. Hu kompla jispjega kif taħdem is-sistema tal-*'grants'* fejn dawn jidħlu fi stadji differenti. Is-Sindku staqsa jekk kienux daħlu €800 li suppost kellhom jitħallsu ghall-użu tas-sala mil-*Lifelong Learning*, peress li ma kienx ċert jekk kellhomx jidħlu sal-ahhar tas-sena. Is-Sur Galea informa lil-membri tal-kunsill illi dawn daħlu fl-20 ta' Diċembru u huma inklużi mad-dħul taħt '*other Government income.'*

Is-Sindku staqsa rigward il-Memo li irċevejna dwar l-allowances tal-Kunsilliera jekk tridx tinqata' taxxa minn dan id-dħul peress illi spjega li dan id-dħul suppost illi tkun għamilthom spejjeż u ghalhekk huwa inġust illi wieħed jiġi ittaxxat fuqhom. Is-Sur Galea spjega tajjeb illi dik il-'Memo' kienet harġet madwar tlett snin ilu fejn kienet inqatat illi jiġu klemjati l-ispejjeż. Wieħed ma jistax inaqqas l-bolla minnha pero' t-taxxa ta' 20% hija obbligatorja. Madanakollu s-Sur Galea kompla billi qal li wieħed jista' jżid dikjarazzjoni tal-ispejjez tiegħu fil-karta tat-taxxa tiegħu u jara eżattament f'liema *'bracket'* jaqa'.

Is-Sur Horace Micallef u s-Sindku talbu spjegazzjoni dwar l-ispejjez tar-*'road markings'* peress illi l-ispiża tal- 2016 li kienet ta' €1,390 kienet akbar minn tal-2015. Is-Sur Galea spjega li kien hemm ħames invoices li jinkludu wkoll dawk l-invoices datati f'Diċembru 2016 li jkunu ghadhom ma thallsux filwaqt li jinkludu anke hlas ta' *'Bollards'*. Is-Sindku staqsa jekk dawn jinkludux l-invoice tal-*'bins'* illi kienu nxtraw bi żball. Is-Sur Galea wieġeb illi dawn huma biss road markings. Is-Sindku informa illi minn dawn il-ħames bins li nxtraw bi żball, irridu nżommu biss iż-żewġ *'doggy bins'* u hemm bilanċ li għadu jidher pendenti ta' €1000 Euro. Is-Segretarja ħadet nota ta' dawn il-bins sabiex tikkuntatja lill-Green Skips ħalli jkunu jistgħu jiġu ritornati lura.

Is-Sur Galea kompla jispjega li d-differenza sostanzjali fl-ispiża *'Contractual'* tkopri *'Cleaning & Maintaining Parks & Gardens'* hija għall-fatt illi fis-sena 2015 kien hemm spiża ta' €19,559 sabiex tnaddaf il-wied u li l-awdituri irrimarkaw illi kellu jitniżżel bħala

expenditure u mhux capital. Żied jispjega illi l-Kunsill qed nonfqu aktar għar-*'Refuse collection'* pero issa l-kunsill qed jinvosja lill-Wasteserv u għalhekk se nieħdu l-flus lura ta' *'collection'* waħda li tkun imniżżla taħt 'other government income.' Kompla jgħid illi *'Administration and other expenditure'* hemm €60,000 pero nofsha hija *'depreciation'*. Is-Sur Horace Micallef staqsa għalxiex tikkontribwixxi id-differenza f' *'Minor Expenses'* peress li fis-sena 2015 kienet ta' €1070 filwaqt li fis-sena 2016 naqqset għal €87. Is-Sur Galea spjega li dak joħorġu minn spejjez tal-LES, fejn ezempju fl-2015 kellna aktar spejjeż ta' wardens.

Is-Sur Galea spjega illi l-Kunsill għalaq is-sena finanzjarja ghas-sena 2016 b'total ta' flus il-bank jammonta għall €183,142 filwaqt li bħala receivables ghandu l-ammont ta' €3,732 u bħala payables il-Kunsill għandu xi jħallas €25,000 għal xogħol li sar fl-2015, jiġifieri l-Kunsill għandu surplus ta' €160,000. L- accountant qal illi għas-sena 2015, il-Kunsill kellu l-bank €126,419 u dan ifisser li din is-sena l-bilanc żdied b' €35,000.

Is-Sindku għamel referenza għal nota 17 *'Contingent Liability,'* fejn spjega illi dik il-*'claim'* ma għadhiex effettiva minħabba li s-sentenza inqatat mill-Ombudsman favur il-Kunsill u għalhekk ġie deċiż illi dik il-klawsola għandha titneħħa. Is-Sindku żied jgħid li l-garanzija favur il-MEPA hija probabilment tan-Nicca tal-Kunċizzjoni pero mhuwiex ċert jekk kienetx tħallset mill-gvern jew mill-Kunsill. Peress li dan ix-xogħol sar u għandna wkoll ċertifikat tal-perita, is-segretarja ħadet nota ta' din il-garanzija b' numru G24TFC21227 sabiex isiru l-verifiki mall-MEPA. Jekk din tħallset mill-kunsill, il-garanzija tista' tingħalaq u jinġabru l-flus lura.

Kompla jgħid illi bħala *Capital Commitments* tniżżlu r-*resurfacing* ta' parti minn Triq J Gaspard Le Merchant u Triq l-Għajn flimkien ma' tkomplija tal-binja tac-Ċentru Ċiviku. Il-membri qablu illi għandhom jiġu approvati l-*Financial Statements* għas-sena 2016 u għalhekk ġie iffirmat mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti. Il-membri rringrazzjaw lill-accountant ta' l-ispjegazzjoni tiegħu.

## 57.4 <u>Skema ta' Saħħa għall-Kunsilli Lokali</u>

Is-Seg. Eżekuttiv ressqet it-talba tagħha sabiex tiġi inkluża mal-istaff tal-kunsill u għalhekk titħallas l-assigurazzjoni tas-saħħa tagħha b'effett mit-30 ta' Jannar 2017 li hija l-ġurnata minn meta effettivament beda l-impjieg tagħha mall-Kunsill. Il-membri approvaw dan il-ħlas.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |